MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 225/2007

**Pacifico Deguara – I.D. 67638(M) u b'digriet tat-Tribunal tad-9 t'Ottubru, 2007 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju fis-sens li minflok 'Pacifico' jidhol l-isem 'Pacifica'**

**Vs**

**Jesmond Friggieri – I.D. 8370(M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attrici talbet li l-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1,500 billi ppremettit li hija kienet qieghda taqsam it-triq gewwa Triq l-Isperanza, l-Mosta meta l-intimat kien qed isuq il-vettura tieghu u laqatha. Ippremettit ukoll illi hija sofriet danni ta' natura permanenti fl-ammont ta' Lm1,500 jew somma ohra li jistabbilixxi dan it-Tribunal stante li d-danni li sofriet, ghal liema incident jahti esklussivament l-intimat minhabba traskuragni,

nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti meta fis-17 ta’ Jannar, 2006 tajjar lir-rikorrenti. Bl-ispejjez.
Ra r-risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-incident *de quo* sehh minghajr ebda htija jew nuqqas da parti tal-konvenut izda unikament bi traskuragni, negligenza, imperizja jew non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attrici kif jista’ jigi ampjament ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammont mitlub huwa eccessiv.

Sema’ x-xhieda ta’ Pacifica Deguara, PS95 Patrick Cassar, Professur Ivan Esposito, Jesmond Friggieri u Janet Grima.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Martin Fenech ghall-attrici u Dr Ramona Frendo ghall-konvenut.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attrici kienet mixja fi Triq l-Isperanza, l-Mosta fuq il-bankina u ddecidiet li taqsam it-triq. Hija u taqsam kienet ghaddejja karozza bin-numru ta’ registrazzjoni IAM705 misjuqa mill-konvenut li kien ukoll ghaddej fl-istess triq miexi fid-direzzjoni ta’ Nicolo Isouard Street u laqat lill-attrici. B’rizultat ta’ dan l-incident l-attrici wegghet saqajha u marret l-isptar u sussegwentement giet anke ezaminata mill-Professur Esposito.

Il-Professur Esposito iccertifika li kien ezamina lill-attrici fl-Isptar San Luqa fi Guardamangia fejn irrizulta li kellha *fracture fit-tibia*, kontuzjoni fi spallejha u anke tajret parti minn sinna. Hija giet rilaxxata mill-isptar sitt ijiem wara, cioè fit-23 ta’ Jannar, 2006 izda nonostante dan kollu, hija xorta

baqghet tbati fl-ghaksa l-leminija u ghandha diffikulta biex timxi distanzi twal, timxi fuq art li m'hijiex lixxa jew biex titla' t-tarag u anke biex tilbes certu tip ta' zraben. Huwa ccertifika li ghandha *permanent disability* ta' 6%. Fil-mument tal-incident l-attrici kellha età ta' 68.

Il-konvenut xehed illi dakinhar tal-incident kienet gurnata sabiha u kiesha però kienet umduza hafna u l-art kienet imxarrba bl-umdita'. L-incident gara fis-sebgha ta' filghodu u kien ghadu qed jisbah u waqt li kien qed isuq, fid-direzzjoni opposta tieghu, kien hemm karozza Honda Civic gejja. Barra minn hekk kien hemm karozza pparkjata man-naha tax-xellug tieghu. Malli qabez il-karozza pparkjata huwa sema' hoss u waqaf u meta waqaf sab lill-attrici mal-art. Huwa sema' l-hoss mal-genb tal-karozza tieghu u anke mal-windscreen fejn ghandu l-licenzja tant illi sab il-windscreen miksur f'dan il-post. Huwa halla l-karozza fejn kienet sakemm eventwalment gew il-Pulizija u ghamlu l-isketch.

Janet Grima li hija pulizija izda ma kinitx xoghol dakinhar rat l-incident isir. Hija ikkonfermat illi rat l-incident isir. Hija kienet gejja fid-direzzjoni opposta tal-konvenut u rat lill-attrici taqsam it-triq min-naha tal-lemin taghha lejn in-naha tax-xellug. Konfermat ukoll illi s-sewwieq tal-karozza l-ohra kien qed isuq bil-mod. Imbaghad testwalment qalet hekk:

"Jien li kont qed nara, indunajt li ser jinduna ghax qed nara lill-mara qieghda taqsam u rajt lid-driver l-iehor gej. Jiena rajt lill-mara tinzel il-bankina, timxi bil-mod u rajt il-karozza gejja bil-mod lejha. Nirrepeti li meta giet il-karozza l-ohra kienet xi 2 jew 3 metri 'l boghod minn din il-mara."

It-Tribunal huwa tal-fehma illi dan huwa kaz fejn kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut ma ndunawx b'xulxin. It-tnejn li huma kellhom obbligu li joqghodu attenti ghal xulxin.

L-attrici, bhala pedestrian, ghandha responsabbilità biex tuza it-triq sew (Art 13 tal-Highway Code). In oltre meta

taqsam triq, partikolarment jekk ser tohrog minn wara karozza pparkjata kellha tieqaf max-xifer tal-vettura u taccerta ruhha li t-triq hija clear qabel ma taqsam. (Art 33 tal-Highway Code). L-attrici kellha obbligu li qabel ma taqsam it-triq, tesplora sew u taccerta ruhha li tista' taqsam liberament u minghajr xkiel ghat-traffiku.

Huwa evidenti li hija m'ghamlet xejn minn dan tant illi kien hemm iz-zewg karozzi gejjin minn direzzjoni opposti ta' xulxin.  Kien hemm il-karozza tal-konvenut gej min-naha tal-lemin taghha u kien hemm il-karozza ta' Janet Grima gejja min-naha tax-xellug taghha.  B'danakollu hija xorta bdiet taqsam it-triq.  Huwa evidenti ghal dan it-Tribunal li l-attrici qabdet u qasmet minghajr ma tat kaz ta' xejn.

Daqstant iehor jidher ukoll illi l-konvenut da parti tieghu ma ndunax li l-attrici qieghda taqsam it-triq.  Huwa veru li man-naha tax-xellug tieghu kien hemm karozza pparkjata u l-attrici harget kwazi minn warajha izda dan ma jfissirx li m'ghandux joqghod attent ghal dak li huwa apparenti u evidenti quddiemu.  Kieku kien qed izomm *a proper lookout* kien jinduna li l-attrici qieghda taqsam it-triq u kien jinduna li din ma kinitx indunat bih.

Illi fid-dawl tal-premess it-Tribunal ma jhossx li ghandu jiddilunga wisq billi jidhirlu evidenti illi z-zewg persuni involuti fl-incident ma kinux qieghdin izommu *a proper lookout* meta t-tnejn li huma kellhom obbligu li jaghmlu dan u jirrizulta ampjament ipprovat li l-incident sehh minhabba tort taghhom it-tnejn u ghalhekk ir-responsabbilità ghandha tigi allokata ugwalment bejniethom.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, jirrizulta li l-attrici sofriet *a 6% disability* u li fil-mument tal-incident kienet *housewife* izda penzjonanta wkoll.

Fl-affidavit a fol 31 hija tghid li nefqet ammont ta' Lm320 ghal diversi spejjez hemm elenkati u dawn bl-ebda mod ma gew kontestati u ghalhekk ghandhom jigu meqjusa bhala debitament ipprovati.

Illi in oltre, ghar-rigward ghal *loss of future earnings*, jekk wiehed jikkalkula fuq dhul ta' medda ta' €116.46 (Lm50) fil-gimgha dan igib ammont ta' €6056.37 (Lm2,600) fis-sena. Jekk wiehed jikkalkula dan l-ammont ghall-hames snin u jiffattorizza il-persentagg tad-dizabilita ta' 6% u jnehhi 20% bhala *lump sum deduction* igib *quantum* ta' €1,453.52 (Lm624). B'hekk danni totali qed jigu likwidati ghal total ta' €2,198.93 (Lm944) li ghal-fini ta pratticita qed jigu rounded off ghal-€2,200. Nofshom huma imputabbli ghall-konvenut u cioè €1,100.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-kollizzjoni in kwistjoni sehhet b'tort taz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' €1,100 (Lm472.23c). L-ispejjez tal-kawza jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------